Il-Knisja ta' Ġesù Salvatur fir-raħal ta' l-Għasri Għawdex

(fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla)

JOE CHETCUTI

L-Għasri huwa l-iżgħar parroċċa ta' Għawdex b'popolazzjoni t' inqas minn 400 ruħ residenti f'madwar 150 dar. Sal-bidu tas-seklu 20, in-nies ta' l-Għasri kienu jinqdew għas-servizzi liturġiċi fi knisja żgħira msejħa "Tal-Patroċinju" li tinsab fil-bidu tal-wied imsejjaħ Wied il-Għasri. Barra li l-knisja tal-wied kienet żgħira għall-popolazzjoni ta' l-Għasri li xi seklu ilu kienet id-doppju tal-llum, din il-knisja kienet ukoll imbegħda mill-qalba tal-bini. Fil-qalb ta' l-Għasrin bdiet titnissel ix-xewqa kbira li tinbena knisja akbar b'post aktar centrali tar-raħal.

Il-post fejn inbniet il-knisja l-ġdida kienu jgħidulu "Ta' Qudliem". L-art kienet propjetà ta' ċertu Salvu Gambin li kien kuntent li jibdel din il-biċċa art ma' raba x'imkien ieħor. Il-kuntratt tal-bdil sar fis-sena 1902. Il-magħruf Għawdxi Dun Ġużepp Diacono, li dik il-ħabta kien arċipriet tax-Xagħra, imma qabel għamel xi żmien viċendarju ta' l-Għasri, għamel il-pjanta tal-knisja u ħa ħsieb jidderiġi l-bini kollu tagħha mingħajr ebda ħlas. L-istoriku ta' l-Għasri Toni Calleja qalilna li lil Dun Ġużepp kienu iħallsulu biss l-ispejjeż tal-karożżin li kien jieħdu mix-Xagħra lejn l-Għasri u lura.

L-ewwel ġebla tpoġġiet fis-6 ta' Settembru 1903. Tbierket mill-Mons Giov. Maria Camilleri isqof t'Għawdex. Id-diskors sar minn Dun Ġużepp Zammit D.D., qassis mill-Għasri. Il-knsija l-ġdida tlestiet wara xi seba' snin ta' bini u kienet lesta biex tilqa' fiha l-artal maġġur ta' l-irħam, imma biex il-knisja tlestiet mill-invjar u l-iskultura kellha tgħaddi sena oħra. Il-koppla nbniet aktar tard fil-ħamsinijiet.

Fid-9 ta' Jannar, 1916 il-knisja l-ġdida ta' l-Għasri ġiet sollennement ikkonsagrata mill-Isqof G.M. Camilleri. L-ispejjeż kollha konnessi mal-konsagrazzjoni tħallsu mill-Kan. Dun Ġużepp Grech, mill-Għasri. Il-kwadru titulari ġie kkumissjonat lill-magħruf pittur Lazzaro Pisani. Il-kwadru juri l-aħħar ċena u tpoġġa f'postu fit 3 ta' Ġunju, 1917.

Għaldaqstant, il-knisja bdiet tissejjaħ il-knisja ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur. Erba' t'ijiem wara li tpoġġa l-kwadru ġiet iċċelebrata għall-ewwel darba u b'sollennità kbira l-festa tal-Corpus Domini. Sadanittant ir-raħal ta' l-Għasri kien għadu mhux parroċċa! Kien jagħmel parti mir-raħal taż-Żebbuġ.

Ir-raħal ta' l-Għasri ġie mgħolli għad-dinjità ta' parroċċa fis-16 ta' Dicembru, 1921 b'digriet ta' l-isqof t'Għawdex Mons G.M. Camilleri. Nistgħu ngħidu li matul is-sena 1922 twettqu fil-knisja l-ġdida ta' l-Għasri dawk l-ewwel riti liturġiċi li ġeneralment isiru fil-knejjes parrokkjali: saret l-ewwel magħmudija, ġie amministrat l-ewwel sagrament taż-żwieġ, sar l-ewwel funeral u fl-14 ta' Frar, 1922, Dun Ġużepp Galea, mil-Victoria ħa l-pussess bħala l-ewwel kappillan ta' l-Għasri.

Fis-sena 1930 wasal is-sett tal-qniepen maħdumin fl-Italja mid-ditta Bricozzi ta' Milan. F'din l-istess sena twaqqfet il-fratellanza tar-Rużarju fi ħdan il-knisja parrokkjali ta' l-Għasri. Il-pulptu tal-ġewż bil-plakki tal-bronż sar fis-sena 1938.

Fl-1939 bdiet it-tieni gwerra dinjija, imma din ma qatgħetx qalb il-poplu ta' l-Għasri li jkompli jarma u jsebbaħ il-knisja tiegħu. Fis-sena 1941, fi żmien l-attakki 'l kbar bil-bombi ta' l-għadu, tlestew is-sitt artali ta' l-irħam tal-ġnub li ġew ikkonsagrati mill-isqof Mikiel Gonzi. Fl-1942, sar il-paviment ta' l-irħam tal-knisja kollha.

F'Lulju tas-sena 1950 inbeda x-xogħol tal-bini tal-koppla fuq il-pjanta tal-Perit Turu Bondì. Dan ix-xogħol dam sejjer sentejn u nofs. Il-koppla tlestiet minn kollox fis-sena 1953 u tbierket mill-Isqof Ġużeppi Pace fit-3 ta' Jannar, 1954. Il-Prim Ministru ta' Malta, Dr Ġorġ Borg Olivier, kien wieħed mix-xhieda.

L-istatwa titulari ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur saret mill-istatwarju żagħżugħ Għawdxi Michael Camilleri Cauchi. Saru festi kbar fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni u t-tberik ta' l-istatwa titulari. Dawn saru f'Awissu 1982. Ir-raġġiera tal-fidda għal fuq ras l-istatwa saret minn Ġorġ Farrugia mill-Victoria filwaqt li s-Salib ta' l-istatwa, li hu tal-ġewż, hu xogħol ta' Karistu Mintoff mill-Għasri. L-induratur Horace Farrugia ta' l-Imdina għamel ix-xogħol ta' l-induratura bid-deheb ta' 22 karat lill-istess statwa tas-Salvatur. B'kollox l-istatwa titulari u spejjeż oħra konessi magħha laħqu is-somma ta' 'l fuq minn Lm3,000, li 20 sena ilu kinet somma mhux ħazin.

Riferenzi:

Ringrazzjament speċjali lil Tony Calleja (Għasri) illi mill-kitba prolifika tiegħu għamilna dan l-artiklu.